

# L-Għaqda Mużikali San Ġużepp – L-Istorja Tagħha

*(It-tielet parti)*

**Jitkeb Harry Zammit Cordina**
President Onorarju

*F'dak li nsejħulu l-programm tal-festa ta' San Gejtanu tas-sena l-oħra komplejna bl-istorja tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp, l-ewwel banda fil-Ħamrun. Qabel ma nkompli bl-istorja rrid infakkar li dan it-tagħrif qed jittieħed mill-Istorja tas-Soċjetà li nkitbet mill-kollega tagħna li ħalliena f'April ta' din is-sena, il-President Onorarju Joseph Mifsud Matrenza, liema storja huwa kien kiteb u rregala lis-Soċjetà fl-okkażjoni tal-ewwel ċentinarju tagħha fl-1989.*

Fit-tieni parti tal-istorja tas-Soċjetà tajna ħarsa lejn il-każin preżenti u t-tibdiliet strutturali li saru fih matul is-snin. Tkellimna dwar l-ewwel 25 sena tal-banda speċjalment dwar il-ħafna impenji tagħha kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta u rajna wkoll is-Soċjetà taħt it-tmexxija ta' żewġ presidenti – l-avukat Nikol Delia u l-prokuratur legali Philip Azzopardi. Dan kien perjodu li wassalna sal-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Matul it-tnax-il sena tal-presidenza tiegħu, il-prokuratur legali Azzopardi saħħaħ ħafna ħidmiet mużikali u soċjo-kulturali sakemm faqqgħet il-gwerra. Kien fl-1939 meta s-Soċjetà ċċelebrat il-Ġublew tad-Deheb tagħha. Il-President Azzopardi miet fl-1945 hekk kif intemmet il-gwerra.

Għadni kemm għamilt referenza għall-Ġublew tad-Deheb tas-Soċjetà. Ma setax jonqos li l-banda ma jkollhiex sehem kbir fl-attivitajiet li ħejja



l-kumitat għal dan iċ-ċinkwantenarju, liema attivitajiet kienu mifruxin fuq ġimgħa. L-Erbgħa kien sar marċ "alla Veneziana" u s-Sibt il-banda wettqet programm mill-isbaħ li matulu ndaqq għall-ewwel darba "l-Inno Marcia a San Giuseppe" kompożizzjoni ta' Mro Willie Attard. Il-Filarmonika La Valette kienet il-mistiedna tal-unur biex tagħlaq il-festi. Hija għamlet marċ minn Pjazza San Pawl sal-każin u wara esegwiet programm b'mużika magħżula għall-istess okkażjoni. Fi tmiem il-kunċert saret preżentazzjoni ta' tazza tal-fidda mis-Soċjetà San Ġużepp lil La Valette bħala rikordju għas-sehem tagħha fil-festi ċelebrattivi tal-Ġublew tad-Deheb. Lapida kommemorattiva, xogħol tal-iskultur ta' fama mondjali l-Professur Sciortino tfakkar ukoll dan il-ġublew.

## Era tad-deheb għas-Soċjetà

Bejn l-ewwel Gwerra Dinjija u t-tieni waħda wieħed jista' jgħid li kien hemm era mill-isbaħ għas-Soċjetà San Ġużepp u l-banda tagħha. L-interess kbir li kienu jieħdu l-bandisti fil-kunċerti swielhom biex jilħqu ċerta professjonalità. Jidher li ta' spiss il-Banda San Ġużepp kienet tesegwixxi programmi s-Sibt u l-Ħadd u anki kien hemm żmien meta kienet iddoqq ukoll il-Ġimgħa. Is-servizzi tal-banda kienu numerużi fl-ibliet u l-irħula u dawn ma jingħaddux. Iżda tajjeb li wieħed jelenka xi wħud mis-servizzi li kienu marbutin ma' xi ġrajja storika.

L-ewwel programm li l-banda għamlet wara l-armistizju kien għall-festa ta' Santa Katerina fiż-Żejtun nhar l-24 ta' Novembru 1918. Fit-18 u 19 ta' Marzu, 1919, insibu l-Banda San Ġużepp b'servizzi fuq is-Saqqajja għall-festa ta' San Ġużepp. F'Jannar 1920 kien ġie jkanta fit-Teatru Rjal it-tenur Malti ta' fama mondjali Calleja. Dakinhar it-teatru ngħata l-ħajja ta' festa nazzjonali u s-Soċjetà San Ġużepp flimkien ma' għaqdiet mużikali oħra kienet rappreżentata bl-istandard tagħha. L-istandardi kienu mqiegħda mal-pilastri tal-palk madwar il-platea kollha bħala stima u ġieħ għat-tenur Calleja.

Fl-1923 il-Banda San Ġużepp ġiet mistiedna ddoqq waqt wirja fl-Auberge d'Italie. Fuq ix-xewqa tal-President tagħha l-Avukat Nikol Delia, il-Banda San Ġużepp wettqet żewġ servizzi fis-Siġġiewi – ir-raħal fejn twieled l-Avukat Delia. Il-banda baqgħet tiġi mistiedna f'dan ir-raħal għal bosta snin wara.

L-istandard tas-Soċjetà kien flimkien ma' oħrajn meta nhar il-31 ta' Ottubru, 1926 saret għall-ewwel darba l-festa ta' Kristu Re. Dakinhar filgħodu kienet saret dimostrazzjoni ta' fidi u ta' qima fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann u wara sfilata reliġjuża.

Il-President u membri tal-Kumitat bl-istandard tas-Soċjetà kienu preżenti fl-okkażjoni tal-ewwel ġebla tal-Harper Area mid-Duka ta' York.

F'Settembru 1928, is-Surmast Antonio Miruzzi dderiġa l-aħħar kunċert bandistiku tiegħu. Wara l-programm sar riċeviment fejn huwa ngħata rigal mill-bandisti u donazzjoni monetarja sabiħa mill-Kumitat bħala rikonoxximent għat-30 sena servizz li ta lill-banda. Sena wara, il-banda għamlet programm ta' ferħ bħala awgurju fl-okkażjoni tal-pussess tal-kappillan il-ġdid Dun Gejt Mifsud.

Fl-istess sena, il-Kumitat Festi Nazzjonali stieden lill-Banda San Ġużepp biex iddoqq fi Pjazza Otto Settembre. Il-banda ma naqsietx li tagħti s-sehem tagħha meta l-Knisja ta' San Gejtanu, fl-1 ta' Diċembru 1931 kienet qed tfakkar l-ewwel ħamsin sena tagħha bħala parroċċa. Sena wara, fl-1 ta' Frar, il-banda kienet mistiedna mill-patrijiet Franġiskani biex tagħmel programm waqt iċ-ċerimonja tal-kxif tal-istatwa ta' Fra Diego fin-nofs ta' Pjazza San Pawl.

Fl-1934, il-Banda San Ġużepp kienet mistiedna mis-Soċjetà Leone t'Għawdex biex tagħmel marċ u programm għall-festa ta' Santa Marija.



Din l-istedina baqgħet tkun imġedda għal bosta snin wara. F'Ottubru tal-istess sena ngħatat merħba kbira mill-banda lil Dun Enrico Cordina Perez meta laħaq kappillan tal-Parroċċa ta' San Gejtanu.

F'Mejju 1935, il-Banda San Ġużepp għamlet programm ħdejn il-knisja parrokkjali bħala parti mill-attivitajiet fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda tar-Re Ġorġ V, renjant li kien maħbub sew f'Malta. Sentejn wara s-Soċjetà San Ġużepp ħadet sehem fl-isfilata simbolika ta' karrijiet dekorati li saret fl-okkażjoni tal-Inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ VI.

Din l-epoka ta' bejn iż-żewġ gwerrer dinjija hija meqjusa bħala waħda ta' snin tad-deheb għas-Soċjetà San Ġużepp li ġiet fit-tmiem tagħha biċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġublew tad-Deheb tagħha li diġà tkellimna dwaru.

## It-Tieni Gwerra Dinjija u wara

Ftit li xejn hemm xi tgħid dwar iż-żmien tat-Tieni Gwerra Dinjija f'dak li jirrigwarda l-banda. Dawk kienu żminijiet li l-ħidma mużikali fil-gżejjer Maltin kienet effettwata minnhom. L-attakki kontinwi mill-ajru ħasdu, beżżgħu u bikkmu lill-poplu Malti kollu.

Minbarra li ħafna mill-każini tal-baned naqqsu jew qatgħu għalkollox il-ħidmiet kulturali tagħhom, kien hemm oħrajn li anke sfaw imġarrfa.

Fl-istorja tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp, Joseph Mifsud Matrenza kiteb hekk dwar dan iż-żmien ta' gwerra.

*F'dawn iż-żminijiet ta' theddid, ta' biża', ta' għaks u ta' ġuħ ma kontx tisma' ħlief id-daqq tas-sireni, iż-żarżir tal-ajruplani, it-tisfir, it-tfaqqiegħ u tbeżżiż tal-bombi, it-tifrik u t-tiġrif tad-djar, il-krib tal-feruti muġugħa, il-biki tat-trabi mwerwra, it-twerżiq tat-tfal mitlufa u t-tnewwieħ tal-ommijiet imġenna. Dawn il-ħsejjes qerrieda kienu l-elementi mħawda tal-mużika ta' niket u swied il-qalb flok dik il-mużika mimlija armonija li kienet tinstema fi żmien il-paċi.*



Meta f'Jannar 1943 xterdet l-aħbar li l-Belt ta' Tripli waqgħet f'idejn l-Alleati, is-Surmast Willie Attard ġabar ħafna bandisti tal-post flimkien ma' xi oħrajn li kienu ġew refuġjati l-Ħamrun u fforma banda żgħira biex tkun iċċelebrata din ir-rebħa. Marċ ieħor kien organizzat fit-8 ta' Settembru 1943 meta ċediet l-Italja. Minkejja li l-gwerra kienet għadha ma ġietx fi tmiemha madankollu kienet tbegħdet sew minn fuq Malta u għalhekk l-għaqdiet mużikali bdew jerġgħu jingħaqdu u jissaħħu.

## Il-President Dr Tommaso Caruana Demajo

Wara l-mewt tal-prokoratur legali Philip Azzopardi fl-1945 laħaq president tas-Soċjetà l-avukat Tommaso Caruana Demajo li dam f'din il-kariga għal ħames snin. Dr. Tommy kif diversi kienu jsibuh kien wieħed mill-aħjar amministraturi tas-Soċjetà; prattiku, pożittiv u puntwali f'kull laqgħa u okkażjoni tas-Soċjetà. Kien bniedem kuxjenzjuż fid-dmirijiet tiegħu u attent fid-deċiżjonijiet li kien jieħu fejn tidħol is-Soċjetà. Huwa kien jistma u jħeġġeġ ix-xogħol kreattiv tal-membri.

Taħt il-presidenza ta' Dr. Caruana Demajo, fl-1947 seħħet l-għaqda bejn iż-żewġ baned tal-Ħamrun, liema għaqda kellha effett kbir ukoll fit-twaqqif tal-Għaqda Każini tal-Banda. Dr Caruana Demajo kien ippresieda l-ewwel laqgħa ta' din l-għaqda li matulha kien introduċa lis-Sur Mikiel-Anġ Delia bħala r-rappreżentant tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp u bħala fundatur tal-istess Għaqda. Tajjeb li wieħed ifakkar li s-Sur M. A. Delia kien ukoll President tal-Għaqda Każini tal-Banda li għal ħafna snin kienet tagħmel il-laqgħat tagħha fil-każin San Ġużepp.

Fl-istess sena, jiġifieri fl-1947 Dr Caruana Demajo kien approva t-twaqqif ta' Kummissjoni Entertainment bil-għan li jiġu organizzati attivitajiet soċjali li jipprovdu divertiment onest u fl-istess ħin li jħallu introjtu għall-każin. Kienet tkun l-għaxqa tal-President Caruana Demajo li jara l-każin mimli attività. Ta' kull sena kien isir kunċert orkestrali li Mro

Frans Bellizzi kien jagħti b'risq il-karità. Kunċert vokali ieħor kien jittella' minn Mro Willie Attard għall-membri tas-Soċjetà.

Fi żmien din il-presidenza, inħatret ukoll kummissjoni biex ikun imfassal statut ġdid tas-Soċjetà. F'dawn ir-regolamenti ġie mdaħħal il-prinċipju li s-Soċjetà San Ġużepp għandha żżomm il-politika barra l-għatba tal-każin ħalli s-soċi kollha ta' liema kulur politiku huma jgħixu f'atmosfera ħielsa u ħienja. Ironikament dan ir-regolament kien il-fattur li Dr Caruana Demajo ma setax ikompli jokkupa l-kariga ta' president meta ġie elett bħala Membru tal-Parlament fejn sussegwentement laħaq Ministru tal-Kummerċ u aktar tard Ministru tal-Ġustizzja.

Dr Tommaso Caruana Demajo, xorta waħda baqa' midħla tal-każin u kull nhar ta' Ħadd filgħodu kien iħobb jiltaqa' mal-ħbieb tiegħu. Hu kien jattendi wkoll għad-diversi funzjonijiet soċjali li kien ikun mistieden għalihom bħala ex-President. Dr Caruana Demajo miet fl-1973 u s-Socjetà għamlitlu funeral kbir akkumpanjat bil-banda.

## Il-President Mikiel-Anġ Saliba

Fl-1950, il-presidenza tas-Soċjetà għaddiet għand is-Sur Mikiel-Anġ Saliba li kien surmast tal-iskola fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u wara laħaq direttur tal-Approved School. Kien Ġużeppin pur li għalih is-Soċjetà kienet tiġi qabel kull għaqda oħra imma fuq kollox kien Ħamruniż qalbieni li jgħin moralment u materjalment kull moviment Ħamruniż ta' liema natura hu. Is-Sur Saliba, magħruf aktar bħala 'Ġanġu' kien dilettant tal-isports tant li għamel tliet snin bħala president tal-Ħamrun Spartans meta l-istess Spartans rebħu ċ-Championship fl-1947 u l-Cassar Cup fl-1947 u 1949. Huwa daħħal lis-Soċjetà f'ħafna logħob kompetittiv bħal billiards u snooker, table tennis, darts u logħob ieħor.

Is-Sur Saliba ħadem bis-sħiħ biex il-każin jidħol għal proġett ambizzjuż – dak li jkollu it-tielet sular. Huwa ma kienx jittollera t-tfal u żgħażagħ



jidħlu fis-swali fejn l-adulti jkunu fuq l-imwejjed tal-logħob tal-karti u għalhekk ried li dan it-tielet sular ikun mgħammar b'kull xorta ta' sports fejn l-istudenti żgħażagħ u ġuvintur jkunu jistgħu jgħaddu l-ħin liberu tagħhom mingħajr ma jfixklu lil ħadd u ħadd ma jfixkilhom.

Il-President Saliba ra dan il-proġett jitwettaq fl-1952 u għall-inawgurazzjoni tiegħu fit-3 ta' Awwissu stieden lill-Arċisqof Mikiel Gonzi biex ibierku u jikkonsagra l-każin lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Minn dik is-sena 'l quddiem kienet saret drawwa li l-Arċisqof ikun mistieden għall-'At Home' li s-Soċjetà tagħmel fil-festa ta' San Gejtanu.

Bħala edukatur, is-Sur Saliba ta spinta qawwija lill-attività letterarja billi waqqaf il-'Camera di Lettura' għat-tixrid tal-qari. Huwa kien iħeġġeġ lill-membri żgħażagħ li jibdew jinteressaw ruħhom fil-qasam tal-letteratura.

Minkejja li l-presidenza tas-Sur Saliba damet biss tliet snin huwa baqa' soċju attiv u kompla jinteressa ruħu f'kull attività soċjo-mużikali u kulturali speċjalment fejn jidħlu ż-żgħażagħ.

Is-Sur Mikiel-Anġ Saliba miet f'Jannar tal-1963 u kif għamlet dejjem, is-Soċjetà tagħtu l-aħħar tislima bħala Ex-President tagħha billi akkumpanjat il-funeral tiegħu bil-banda.

## Avvenimenti u attivitajiet diversi

Jekk immorru ftit lura lejn is-snin insibu li fl-1926 Mro Willie Attard li dak iż-żmien kien assistent surmast ta' Mro Antonio Miruzzi kien waqqaf l-**Orchestra Unione**. Din l-orkestra kien fiha madwar 36 strumentalist u kienet tesegwixxi programmi sinfoniċi. L-orkestra kienet ittella' wkoll programm ħdejn il-knisja għal Ħadd il-Għid. Meta Mro Willie Attard intalab biex jieħu f'idejh id-direzzjoni ta' żewġ baned oħra, kellu jħalli dan l-impenn tal-orkestra u b'hekk din waqqfet tiffunzjona fl-1933.

Fl-1953 l-istess Willie Attard għaqqad l-**Orkestra Mandolinistika San Giuseppe** li tat l-ewwel kunċert fis-sala teatrali tal-każin quddiem udjenza ta' madwar 400 ruħ. L-Orkestra kienet ġiet mitluba mill-mezzi tax-xandir biex ittella' programm ta' nofs siegħa fix-xahar.

F'Jannar tal-1906, is-Soċjetà rat it-twaqqigħ fi ħdanha ta' dik li kienet tissejjaħ is-**Società Mutuo Soccorso San Giuseppe**. Din kienet speċi ta' skema ta' assigurazzjoni bil-għan li tingħata lis-soċi għajnuna f'każ ta' mard, qagħad u korriment. Din l-iskema tant kienet ta' suċċess li maż-żmien bdew jiżdiedu xi benefiċċji oħra bħal tabib u mediċini b'xejn lill-kontributuri u l-familji tagħhom. It-tabib kien Dr Milanes u l-ispiżerija għall-mediċini kienet l-Economical Pharmacy, illum il-Lister Pharmacy. Jidher li fil-bidu tas-snin għoxrin l-għadd tal-kontributuri naqas ħafna u għalhekk fis-seduta ġenerali tal-24 ta' Mejju 1924 kien deċiż li s-Società Mutuo Soccorso San Giuseppe tiġi xolta.

L-ispazju ma jippermettilniex li nidħlu fid-dettall ta' diversi attivitajiet oħra matul is-snin iżda wieħed iħoss li għandu jsemmi b'mod ġenerali s-sehem tas-Soċjetà fil-**festa ta' San Ġużepp** li sa qabel il-Konċilju Reġjonali (1935) kienet issir fuq skala bħal dik ta' San Gejtanu. Is-sehem tas-Soċjetà fil-festa ta' San Ġużepp u fil-festa ta' San Gejtanu huwa magħruf.

Kull amministrazzjoni li kellha s-Soċjetà kienet taħseb fil-bżonnijiet spiritwali tal-imsieħbin tagħha u għal dan il-għan is-Soċjetà taħtar **direttur spiritwali**. L-ewwel direttur spiritwali kien Dun Franġisk Sultana li kien anke teżorier. Il-Kanonku Dun Ġużepp Vella kien direttur spiritwali sal-1945 meta ġie maħtur Dun Mattew Chircop li aktar tard kien kappillan tal-parroċċa. Fl-1951 laħaq Dun Ġużepp Cachia, id-direttur tal-Kor tal-Ħamrun. Fil-preżent id-direttur spiritwali tas-Soċjetà huwa Patri Raymond Calleja O.C.

Is-sehem tas-Soċjetà f'dawk li huma **avvenimenti reliġjużi** huwa wieħed kbir. Fost dawn insemmu biss il-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù mill-1938 sal-1952 u aktar tard meta fis-snin disgħin iż-żewġ baned Ħamruniżi reġgħu bdew jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-purċissjoni.

Bħalma kienet tagħmel għal xi żmien billi tiftaħ u tislef is-swali tagħha biex isiru konferenżi reliġjużi, is-Soċjetà San Ġużepp kienet tagħmel l-istess ma' għaqdiet oħra bħalma kienu ż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara, l-Azzjoni Kattolika, GWU (Ħamrun Branch) u l-Għaqda Letterarja Maltija.

Fis-sena 1904, il-kumitat kien kera **billiard table** biex jissodisfa x-xewqa ta' diversi membri dilettanti tal-billards. Maż-żmien, l-entużjażmu għal dan il-logħob kiber sew tant li l-Għaqda San Ġużepp bdiet tieħu sehem f'kompetizzjonijiet fuq skala nazzjonali. Diversi kienu s-suċċessi miksuba kemm fuq bażi individwali kif ukoll minn teams li rrappreżentaw lis-Soċjetà. Fost tliet membri li ddistingwew ruħhom f'dawn il-kompetizzzjonijiet individwali nsemmu lill-veteran Eddie Greshon, Michael Farrugia u Charles Falzon.

Ma naqasx li matul iż-żmien ma ġiex introdott logħob ieħor bħalma hu t-table tennis, draughts, chess u darts iżda dawn ma jidhirx li sabu art għammiela fis-Soċjetà.

Jekk is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp hija l-ewwel waħda fil-Ħamrun nistgħu ngħidu li kienet ukoll l-ewwel waħda fil-Ħamrun f'dak li hu l-futbol. Kien fl-1909 meta s-Soċjetà applikat biex tieħu sehem fl-ewwel kompetizzjoni tal-futbol Malti mnedija mid-Daily Malta Chronicle. L-isem kien s-**St Joseph's Football Team** bl-indirizz tas-Soċjetà li dak iż-żmien kien 381 Strada Reale, Ħamrun. Għal xi raġuni ħafna mill-players ingħaqdu mal-Boys Empire League u xi teams oħra li ħadu sehem f'dik l-istess kompetizzjoni. Ġara iżda li l-Boys Empire League żarma fl-1910 u l-ħafna players mill-Ħamrun reġgħu ngħaqdu mas-St Joseph's Football



Team li issa bidel ismu għal dak ta' **Ħamrun Spartans** u mar fil-post magħruf bħala l-Barumbara qrib Triq Santa Marija. L-Ispartans ħadu sehem fl-istaġun 1911/12 u kienu ġew fit-tieni post.

Fl-1948, is-Soċjetà kienet is-sede tat-team tal-minors **Ħamrun United**, liema team għal tliet staġuni rebaħ diversi unuri qabel ma ngħaqad mal-Ħamrun Spartans.

Għal madwar għoxrin sena wara t-tieni gwerra, is-sotteran tal-każin San Ġużepp serva bħala gymnasium għall-**Ħamrun Physical Culture Centre.** Għadd kbir ta' żgħażagħ kienu jiltaqgħu tliet darbiet fil-ġimgħa biex jipprattikaw il-bodybuilding u l-weightlifting, judo u karate.

Ma naqasx li għal xi żmien, is-Soċjetà kellha wkoll kumpanija teatrali bl-isem ta' **Kumpanija Ġużeppini**. Minbarra rappreżentazzjonijiet fil-każin, din il-kumpanija kienet tat ukoll rappreżentazzjonijiet barra l-Ħamrun.

## Il-President Antoine Rutter Giappone

Wara l-president Mikiel Anġ Saliba, fl-1953, il-presidenza għaddiet għand l-Avukat Antoine Rutter Giappone. Dr Antoine Rutter Giappone kien wieħed mill-aktar presidenti maħbubin li kellha s-Soċjetà. Kien bniedem umli, eżemplari u paċenzjuż u fl-istess ħin soċjevoli u ġenjali. Huwa kien imexxi s-Soċjetà aktar bħala missier ta' familja kbira milli b'awtorità ta' president. Kien umanist li daħħal lis-Soċjetà f'ħafna attivitajiet filantropiċi li minnhom ibbenefikaw istituti tal-karità. Matul it-tletin sena tiegħu bħala president huwa kien laħaq Maġistrat u aktar tard Imħallef.

Taħt il-presidenza tal-Imħallef Rutter Giappone, is-Soċjetà ċċelebrat żewġ anniversarji kbar; dak tal-ħamsa u sebgħin sena u tad-disgħin sena, żewġ dati storiċi li s-Soċjetà fakkret b'ħafna festeġġjamenti.

Fl-1980, il-President Rutter Giappone ra l-ħolma tiegħu ssir realtà meta tneħħiet it-tinda tal-ħadid li kien hemm fuq is-sala t'isfel u flokha inbniet sala sabiħa li fuqha s-Soċjetà ggwadanjat ukoll terrazzin.

Wara li laħaq imħallef, ir-responsabbiltajiet ġudizzjari tal-president żdiedu u ma kienx possibbli li jattendi l-każin kif kien soltu jagħmel. Madankollu ma kienx jonqos milli jattendi s-seduti kollha u kien ikun puntwali biex nhar ta' Ħadd fil-ħdax ta' filgħodu jdur dawra mal-każin u jara li t-tombla tkun għaddejja bir-ritmu tas-soltu peress li din kienet ta' introjtu tajjeb għas-Soċjetà.

L-aħħar dehra tal-Imħallef Antoine Rutter Giappone f'attività tas-Soċjetà kienet il-festa ta' San Ġużepp tas-sena 1983. Dakinhar attenda għall-quddiesa u għal-marċ ta' filgħodu imma stqarr li kien qed iħossu għajjien u li ma kienx jaħseb li jkun preżenti filgħaxija.

Il-President Antoine Rutter Giappone miet nhar it-18 ta' Ġunju 1983 wara 30 sena ta' servizz mill-aqwa lis-Soċjetà. L-Għaqda Mużikali San Gużepp għamlitlu funeral kif kien tassew jixraqlu u s-sena ta' wara saret quddiesa għal ruħu fuq it-terrazzin u aktar tard, fil-preżenza ta' familjari tiegħu, inkixfet lapida li tfakkar is-sehem kbir li ta lis-Soċjetà.

## Is-Surmast Joseph Sammut

Għal xi żmien, Mro Willie Attard kien marid u ma setax jattendi għall-impenji tiegħu u għalhekk kien ġie maħtur temporanjament Mro Hector Dalli. Iżda meta deher li s-Surmast Willie Attard kien ser idum biex jirritorna għal dmirijietu, il-kumitat sejjaħ laqgħa għall-bandisti biex jaħtru surmast direttur minn fost dawk li kienu applikaw. L-għażla waqgħet fuq is-Surmast Joseph Sammut li dam imexxi l-Banda San Ġużepp mill-1958 sal-1970.

Mro Sammut kien magħruf sew fil-qasam orkestrali peress li kien jidderieġi l-Orkestra tal-Commander-in-Chief, l-Orkestra tal-British

Institute u l-Orkestra tal-Malta Cultural Institute. Huwa kellu ħafna opportunitajiet li jidderieġi bosta kunċerti memorabbli quddiem ħafna renjanti u kapijiet ta' stat. Aktar tard huwa kien wkoll Direttur residenti tal-Manoel Theatre Orchestra u direttur tal-baned La Valette u l-banda Leone.

Mro Joseph Sammut kien wieħed mill-ewwel surmastrijiet li beda jżewwaq il-programmi b'xogħlijiet melodjużi u popolari tal-aqwa musicals. Il-programmi li l-banda żvolġiet taħt id-direzzjoni tiegħu kienu jiġbdu ħafna dilettanti tal-mużika.

## Is-Surmast Anthony Chircop

F'April tal-1970, il-Banda San Ġużepp għaddiet taħt it-tmexxija ta' Mro Anthony Chircop li dak iż-żmien kien diġà surmast direttur tal-Banda Pinto ta' Ħal Qormi u l-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar. Mro Chircop kien ukoll direttur tal-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta.

Twanny Chircop kien ġej minn familja ta' talent mużikali, ħutu kollha mużiċisti u ħuh il-kbir il-famuż tenur u artist Malti Oreste Kirkop. Wara li ngħaqad mal-banda tal-RMA, fl-1967 Chircop kien intbagħat għal kors ta' surmast fir-Royal Military School of Music "Kneller Hall". F'dak il-perjodu huwa dderieġa l-orkestra ta' Kneller Hall li kienet tikkonsisti f'mitejn u ħamsin membru f'diversi kunċerti pubbliċi.

Mro Anthony Chircop kien wieħed ukoll minn dawk is-surmastrijiet li bdew iħossu l-polz tal-ġenerazzjoni li tiela' u beda jdaħħal fil-programmi tal-Banda San Ġużepp xi mużika leġġera mal-mużika sinfonika u operistika.

Fl-1970 Mro Anthony Chircop kien idderieġa l-orkestra tal-European Song Festival fl-Irlanda meta Malta kienet daħlet għall-ewwel darba fil-konkors, illum imsejjaħ il-Eurovision Song Contest.



Mro Anthony Chircop dam ħames snin Surmast Direttur tal-Banda San Ġużepp u ma setax ikompli minħabba ħafna impenji mużikali li kellu.

## Is-Surmast Philip Gatt

Is-Surmast Philip Gatt twieled Ħaż-Żebbuġ u beda l-karriera mużikali tiegħu taħt missieru Mro Adeodato Gatt. Huwa kompla l-istudji tiegħu għand is-Surmast Carmelo Pace u f'Londra taħt Profs N Richardson. Fil-fatt huwa kien l-ewwel Malti li għadda bħala *bandmaste*r bid-diploma ta' F.L.C.M. u A.R.C.M. Fl-1953, Philip Gatt kien magħżul biex imexxi l-Banda tar-Royal Air Force f'Malta u fl-1962 ngħata d-direzzjoni tal-Banda San Filep ta' pajjiżu.

Hekk kif laħaq surmast tal-Banda San Ġużepp fl-1975, Mro Philip Gatt saħħaħ l-iskola tal-allievi u flimkien mal-Assistent Surmast Lawrence Borg bdew joħorġu diversi studenti jdoqqu mal-Banda San Ġużepp. Fi ftit żmien il-banda reġgħet kisbet ċertu popolarità u l-għadd ta' servizzi beda jikber kull sena.

Mro Philip Gatt kiteb diversi kompożizzjonijiet, l-aktar popolari fosthom għall-partitarji Ġużeppini l-marċ 'Viva l-Banda San Ġużepp'. Huwa kellu sehem kbir fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festa tad-Disgħin meta fl-1979, l-Għaqda Mużikali San Ġużepp kienet qed tfakkar id-disgħin sena tagħha. Mro Philip Gatt mexxa l-Banda San Ġużepp sal-1984.

## Il-Festa tad-Disgħin

Is-Soċjetà ħasset li għal dik is-sena li tkun qed tiffesteġġja d-disgħin sena tat-twaqqif tagħha tagħmel xi ħaġa speċjali u għal dan il-għan waqqfet il-Kummissjoni 90. Tliet avvenimenti jispikkaw minn dak li ġie organizzat. Waqt il-marċ ta' filgħodu li sar għall-festa ta' San Ġużepp, is-Soċjetà inawgurat diska *long play* b'sett ta' marċi popolari u brijużi minn uħud fost l-aqwa kompożituri f'dan il-qasam u li kellhom rabtiet mas-Soċjetà.



Avveniment ieħor kien il-party għat-tfal tas-soċi u li magħhom kien hemm mistiedna tfal mill-istituti tal-Ħamrun, ta' Ħaż-Żabbar u taż-Żejtun. B'kollox l-għadd ta' tfal għal dan il-party kien laħħaq it-300.

Nhar is-7 ta' Awwissu, jum il-festa proprja ta' San Gejtanu, il-Banda San Ġużepp tellgħet programm vokali u strumentali fuq il-planċier li jintrama fuq iz-zuntier tal-oratorju. Matul il-programm ħadu sehem erba' solisti u l-kor tal-Ħamrun. Il-programm kien l-aħħar dehra fil-pubbliku tas-soprano Miriam Gauci qabel marret tkompli l-istudji tagħha f'Milan. Il-Festa tad-Disgħin għalqet b'riċeviment kbir nhar it-18 ta' Awwissu 1979 meta tħabbar uffiċjalment il-proġett tat-tneħħija tas-saqaf tal-ħġieġ u t-tinda tal-ħadid fis-sala t'isfel u l-bini tat-terrazzin.

*L-istorja tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp tkompli s-sena d-dieħla bir-raba' u l-aħħar parti. Minn meta bdejna nagħtu ħjiel dwar l-istorja tas-Soċjetà sa mit-twaqqif tagħha, kif jingħad aktar 'l fuq, ħadna l-informazzjoni minn dak li kiteb il-ħabib tagħna u qatt minsi Joseph Mifsud Matrenza. Nistgħu ngħidu li bil-parti tal-lum wasalna sal-1979 għalkemm hemm xi okkorenzi li seħħew aktar tard. Is-sena d-dieħla din l-istorja tkompli tinbena fuq aktar informazzjoni li ħallielna Joseph Mifsud Matrenza sa ma' Soċjetà waslet biex tfakkar l-ewwel ċentinarju tagħha. Minn wara l-1989 it-tagħrif ser ikun miksub u mfassal minn sorsi oħra.*

Idħol biċ-ċans li tirbaħ LCD TV 43",
vjaġġ għal Sqallija u kwadru ta' San Gejtanu
u fl-istess ħin tgħin lis-Soċjetà
billi tieħu sehem fil-lotterija li se tittella'
fit-18 ta' Awwissu, jum it-twaqqif tas-Soċjetà.
Biljetti mingħand id-Direttur Marketing Charles Dimech